# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-28 ta' Novembru, 2016

Appell Nru: 386/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Omissis**

**Raymond Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Raymond Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 326156M akkuzat flimkien ma *omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Ottubru 2006 u fix-xhur u snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmel reati kriminali li ghalihom jista' jehel l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (1) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (2) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ukoll talli f' Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

3. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta' Joseph Xuereb u Josephine Xuereb; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta' Joseph Xuereb u Josephine Xuereb, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta' Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta' Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. U aktar talli fl -istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta' Emanuel Grech u Keith Grech; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta' Emanuel Grech u Keith Grech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' l-istabilliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

10. U aktar talli fl -istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' l-istabilliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

12. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

13. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta' Alexander Friggieri u Kevin Friggieri ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 209 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

14. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta' Alexander Friggieri u Kevin Friggieri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

15. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta' Frank Gauci; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

16. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta' Frank Gauci, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Lil Raymond Debono wahdu:

17. Akkuzat talli f' Ottubru 2006, u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Tatara Limited, Paul Auto Dealer, u ta' Paul Micallef. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

18. Talli f' Jannar 2004, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' Anthony Ciantar u Raymond Vassallo; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Lil Omissis wahdu

19. F' Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Auto Valley Service Station, u ta' Carmel Borg ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew

periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2014, li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-seba' (7), tad-disa' (9), tal-hdax (11), tat-tlettax (13), tal-hmistax (15) u tas-sbatax (17)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu erba' (4) snin prigunerija. Stante li l-imputazzjonijiet immarkati bhala erbgha (4), sitta (6), tmienja (8), ghaxra (10), tnax (12), erbatax (14) u sittax (16) inghataw bhala alternattivi ghall-imputazzjonijiet l-ohra li dwarhom instabet htija, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom. Dwar l-imputazzjonijiet numru wiehed (1) u tmintax (18) ma nstabet ebda htija u konsegwentement l-appellant kien illiberat minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti filwaqt illi <u>tikkonfermaha</u> f'dik il-parti fejn l-appellant kien illiberat mill-ewwel u t-tmintax l-imputazzjoni, u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet enumerati bhala erbgha (4), sitta (6), tmienja (8), ghaxra (10), tnax (12), erbatax (14) u sittax (16), <u>tirriformaha</u> billi <u>tirrevokaha</u> fejn instab hati tal-imputazzjonijiet enumerati tnejn (2), tlieta (3), hamsa (5), seba' (7), disa' (9), hdax (11), tlettax (13), hmistax (15) u sbatax (17), u fejn kien kkundannatu ghal erba' snin prigunerija u konsegwentement tilliberah minn kull htija jew piena. B'mod sussidjarju intalbet ir-riforma tas-sentenza appellata billi jinghata piena minuri ossia inferjuri ghal dik erogata, jew li jinghata sentenza karcerarja sospiza ghaz-zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 registrat mid-difiza u li jaqra hekk: *"Dr. Montalto u Dr. Farrugia ghall-appellant qieghdin jigbdu l-attenzjoni tal-Onorabbli Qorti ghall-fatt li s-sentenza appellata moghtija fis-26 ta' Settembru 2014*

*hija nulla ghaliex dwar l-akkuzi numri 4, 6, 8,10, 12, 14 u 16 ma nghatat ebda decizzjoni li tillibera jew tikkundanna lill-appellant izda kien hemm biss astensjoni milli tittiehed decizjoni dwarhom. Jigi rilevat wkoll illi fil-kors tal-istruttorja quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm astensjoni tal-Magistrat Sedenti li ma kienet bl-ebda mod gustifikata u konsegwentement mhux konformi mal-vot tal-ligi, u ghal dawn ir-ragunijiet allura l-kaz li tigi akkolta din l-eccezzjoni ta' nullita allura l-atti ta' dan il-process ghandhom jigu rimandati quddiem l-ewwel Qorti";*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-appellant u tal-Avukat Generali fuq dawn l-eccezzjonijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi din is-sentenza titratta t-talba tal-appellant sabiex is-sentenza tal-ewwel Qorti tkun dikjarata nulla u dan fuq zewg gravami. Fl-ewwel argument tieghu, l-appellant isostni li l-Qorti tal-Prim Istanza kellha taghti decizzjoni fuq l-imputazzjonijiet alternattivi u mhux tastjeni minnhom. Ma jidher li hemm ebda ekwivoku illi l-imputazzjonijiet enumerati 4, 6, 8, 10, 12, 14 u 16 huma alternattivi ghall-imputazzjoni 3, 5, 7, 9, 11, 13 u 15 li fuqhom instabet htija. Ghall-ahjar intendiment, l-imputazzjonijiet l-ahhar indikati huma dawk ravvizanti d-delitt ta' frodi b'eghmil qarrieqi ex artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Dawk alternattivi huma ravvizati fl-artikolu 293 igifieri l-appropriazzjoni bla jedd u kif tajjeb irragunat l-ewwel Qorti il-fatti f'dak il-kaz ma setghux jaghtu lok ghad-delitt ta' frodi b'eghmil qarrieq u fl-istess waqt ghall-appropriazzjoni bla jedd;

2. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet alternattivi izda kellha tghaddi sabiex issib htija jew tillibera u dan skond l-artikolu 377 (1) tal-Kodici Kriminali li

jipprovdi li: *Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.* L-appellant kien motivat jissolleva din l-eccezzjoni wara li kienet prolatata s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Farrugia tad-19 ta' Novembru, 2015. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet ddikjarat nulla s-sentenza appellata ghaliex l-ewwel Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 u dan ghaliex l-imputat kien rregistra ammissjoni dwar l-ewwel erba' imputazzjonijiet. Raguni dik li fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienitx sorretta mil-ligi;

3. Illi ghalhekk is-sentenza Robert Farrugia ma ghandha ebda rilevanza ghal-kwistjoni hawn devoluta. Dik is-sentenza kienet titratta dwar astensjoni minn imputazzjoni ossia addebitu ta' recidiva meta l-kwisjtoni odjerna titratta dwar astensjoni ta' imputazzjoni alternattiva. Issa, l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jitrattaw dwar il-punt u s-sentenzi in rigward jindikaw illi fil-kaz ta' imputazzjoni jew akkuza alternattiv l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha meta tkun sabet htija fl-imputazzjoni jew akkuza primarja. Hekk per ezemplari f'kaz ta' imputazzjoni ta' serq u fl-istess waqt imputazzjoni ta' ricettazzjoni tal-istess oggett, meta tinstab htija ta' serq tal-oggett, l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni la darba huwa ovvju li dik l-imputazzjoni hija wahda alternattiva. Jista' jaghti l-kaz li persuna tkun imputata ta' serq ta' oggett u ricettazzjoni ta' oggett iehor, izda dan ma japplikax ghal-dan hawn dibattut;

4. Illi kif ser jinghad, ir-raguni moghtija mill-Qorti fis-sentenzi hawn riportati, huwa li meta jkun hemm liberatorja dwar imputazzjoni alternattiva, l-Qorti tal-Appell ma tkunx tista' ssib htija f'dik l-imputazzjoni fil-kaz meta l-imputazzjoni primarja ma tkunx tirrizulta;

5. Fl-ewwel lok, traccjati dawn is-sentenzi insibu fosthom dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Muscat – App Krim 17.10.1977 fejn kien ritenut illi "*L'alternattivita m'hemmx ghalfejn tigi espressament imsemmija fic-citazzjoni. Il-kaz klassiku hu ta' l-imputazzjonijiet (jew akkuzi) ta' serq ta' oggett u ta' ricettazzjoni ta' l-istess oggett, imputazzjonijiet li bilfors iridu jinqraw jew jifthemu*

*bhala alternattivi".* Fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim deciza 18.9.1996 l-appellant kien inizzjalment imputat fir-reat ta' hsara volontarja u dak ta' ragion fattasi u l-ewwel Qorti sabet htija fuq l-ewwel u lliberatu mit-tieni. Fuq appell tal-imputat, il-Qorti tal-Appell Kriminali irrizultalha illi l-ewwel Qorti ma setghetx, fuq dawk il-fatti, ssib htija dwar ir-reat ta' hsara volontarja u rrimarkat hekk: *"Sfortunatament l-ewwel qorti, meta sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-ewwel imputazzjoni, flok ma **astjeniet** milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni – kif kellha taghmel galadarba l-imputazzjonijiet kienu evidentement alternattivi – **illiberat** mit-tieni imputazzjoni, cioe minn dik ta' "ragion fattasi". Dan ifisser li, fl-assenza ta' appell tal-prosekuzzjoni (u salv dejjem l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali) din il-Qorti ma tistax issa issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni";* L-istess ragjonament kien espress fis-sentenza Il-Pulizija vs Mary Vella – App Krim 1.2.2002 fejn intqal hekk: *"Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim'istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim 18/9/1996, Il-Pulizija vs Carmel Debono App Krim 1/11/1996 u Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Oliva App Krim 20/11/2000".* Fis-sentenza Il-Pulizija vs Mahmud Abudumehdin Tarek – App Krim 26.7.2002, ghalkemm f'materja ftit diversa, l-Qorti rriteniet illi *"Dak li ma kienitx gustifikata taghmel dik il-qorti kien li "tillibera" lill-imputat mit-tielet imputazzjoni. Trattandosi ta' imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat (li jgorr piena ta' prigunerija) fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, fin-nuqqas ta' prova tal-identita' (jew anke kieku ma saritx il-prova tas-sentenza) Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha mhux tillibera izda semplicement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dik l-imputazzjoni,* ***bhalma jsir fil-kaz ta' imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi. B'hekk jithalla l-kamp liberu ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali"*** – enfasi ta' din il-Qorti; Ssir referenza ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12

ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Vella (kwistjoni ta' nullita tas-sentenza meta l-Qorti tonqos milli tippronunzja ruhha fuq wahda mill-imputazzjonijiet) ; dik tal-1 ta' Dicembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Diego Grixti et kif ukoll Il-Pulizija vs John Caruana App Krim 1.11.1996;

6. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandu jkun hemm xi ripensament dwar din il-posizzjoni u dan anke wara li hasbet fit-tul mill-ottika tal-aspett ta' drittijiet fondamentali b'mod partikolari tal-potenzjali eccezzjoni ta' *ne bis in idem*. In rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet Luke Farrugia vs L-Avukat Generali fejn kienet trattata id-distinzjoni li tinholoq bejn decizzjoni liberatorja dwar imputazzjoni li tkun ghaddiet in gudikat u s-setgha tal-qorti jew tal-gurati li jsibu htija fuq akkuza (alternattiva) ta' misappropriazzjoni u ricetazzjoni meta ma tinsabx htija fuq l-akkuza ta' serq ex artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali. Dik il-Qorti sabet li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali fl-ewwel ipotezi izda ma jkun hemm ebda ksur ta' dritt fl-applikazzjoni tal-artikolu 476(2) tal-Kapitolu 9. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun respint;

7. L-appellant jilmenta ukoll mill-bdil tal-komposizzjoni tal-Qorti Istruttorja minghjar ma kienet registrata raguni fl-atti processwali u jikkontendi li dan igib in-nullita' tas-sentenza appellata. B'dan, il-Qorti tifhem li l-appellant qieghed jattakka l-validita' tal-iter processwali, izda jidher li dan l-ilment sar inutilment ghaliex harsa lejn l-atti processwali juri illi fil-fazi tal-istruttorja kienet saret talba ghall-zieda fl-imputazzjonijiet (ara fol 78 verbal tas-seduta tat-2 t'April, 2007) u dik it-talba kienet milqugha. Fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2007 il-Qorti deherilha li dawk l-impuazzjonijiet godda kienu per konsegwenza jitolbu s-smiegh mill-gdid tal-kawza u stante illi bid-doveri godda tal-Magistrati sedenti ma kienitx qed tisma kawzi godda ta' natura kriminali, ordnat li l-atti jintbaghatu lir-Registratur tal-Qrati sabiex ikunu assenjati mill-gdid (fol 90). Illi ghalhekk huwa evidenti illi din il-lanjanza hija dovuta ghal interpretazzjoni hazina tal-atti processwali da parti tal-appellant;

8. Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellant qed ikunu michuda u l-Qorti ser tghaddi biex tisma s-sottomissjonijiet fil-mertu.